# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Novembru 2001**

**Numru  30**

**Citaz.  numru:  1816/99 M1 NA**

**Carmelo Sultana**

**vs**

**Charles Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta:

"Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' elf mija wiehed u tmenin liri Maltin sitta u sebghin centezmu (Lm1181.76), prezz dovut ghal merkanzija mibjugha w ikkonsenjata lill-konvenut;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas naqas milli jaghmel dan;

Illi l-ammont huwa cert likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

2. tikkundanna l-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija wiehed u tmenin liri Maltin sitta u sebghin centezmu (Lm1181.76), prezz dovut ghal merkanzija mibjugha w ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghat l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat is-sentenza parzjali ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-10 ta' Awissu 1999 fejn giet michuda l-ewwel talba.

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-tieni talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' it-tieni talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.